MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 221/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Habesh Ismael**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Habesh Ismael talli:

(1) Fis-27 ta' Gunju 2006 ghall-habta ta' nofsinhar gewwa tal-Pieta` flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' flus u mobile li l-valur taghhom hu ta' aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-vjolenza ghad-detriment ta' Annabelle Camilleri;

(2) Fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi flimkien ma' persuna ohra kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-

persuna ta’ Annabelle Camilleri skond ma ccertifika Dr. Joseph Galea M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

(3) Fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi hedded lil Annabelle Camilleri bil-kliem;

(4) Fl-istess perijodu, zmien, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied;

(5) Sar recidiv b’diversi sentenzi.
Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta’ l-imsemmija Annabelle Camilleri, flimkien mal-piena torbot lill-imsemmi Habesh Ismael b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-30 ta’ Gunju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Habesh Ismael mhux hati tat-tielet imputazzjoni u lliberatu minnha. Sabitu hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 49, 50, 221(1), 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 276, 277(a) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal sena prigunerija u, fic-cirkostanzi, ma applikatx l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Habesh Ismaelipprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi fl-ewwel lok tikkonferma l-parti fejn illiberatu mit-tielet imputazzjoni dedotta kontra tieghu u thassar u tannulla dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti; (2) minghajr pregudizzju, il-piena hija harxa wisq.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti strahet fuq ix-xiehda ta’ Annabelle Camilleri u ma emmnitx lil Michelle Bugeja. Din Michelle Bugeja xehdet li l-appellant kien qed izommilha post biex hi tkun tista’ tipparkja l-karozza taghha u meta rat li Annabelle Camilleri haditilha postha spiccat tiggieled ma’ Annabelle Camilleri filwaqt li l-

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta’ Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili**, 19 ta’ Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter**, 14 ta’ Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta’ Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta’ April 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta’ Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta’ Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta’ Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta’ Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi**, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta’ Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta’ Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta’ April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta’ Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta’ Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta’ Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta’ Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta’ Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta’ Mejju 1991.

appellant fl-ebda mument  ma kien involut. Jghid li l-kaz tieghu hu jrid jippruvah sal-grad tal-probabbli u l-ewwel Qorti kienet ghalhekk skorretta fl-evalwar tal-provi meta kellha quddiemha persuna li kienet qed tiskolpa lill-appellant kompletament.

Issa, jigi osservat l-ewwelnett illi l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u li tisma' x-xhieda u fil-fatt hija kkonkludiet li l-verzjoni ta' Annabelle Camilleri "hi wahda li titwemmen". Imbaghad, bil-fatt li jkun hemm zewg verzjonijiet kontrastanti, ma jfissirx illi Qorti tkun prekluza milli taccetta verzjoni jew ohra. Wara kollox, ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, izda tara li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Filwaqt illi Michelle Bugeja tidher li xehdet b'mod distakkat, bhallikieku lill-appellant l-anqas biss tafu, Annabelle Camilleri xehdet li l-appellant stess, fuq mistoqsijiet taghha, kien qallha li din Bugeja hi habiba tieghu. U dan ma jinsabx kontradett. Michelle Bugeja tixhed biss dwar il-glieda ma' Annabelle Camilleri u ma ssemmi xejn dwar il-*handbag* li kellha Annabelle Camilleri. Mill-banda l-ohra Annabelle Camilleri kienet kategorika dwar il-fatt li kien l-appellant li hatfilha l-*handbag*. Dawn ic-cirkostanzi flimkien mal-fatt li l-ewwel Qorti kienet f'posizzjoni aktar tajba biex taghmel apprezzament ta' x'temmen u x'ma temminx, iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti setghet

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant. Ghalhekk ma hemm l-ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. Skond l-appellant il-piena hi harxa wisq. Jghid li hu ragel mizzewweg bit-tfal u li ghalhekk kull piena kienet tkun idoneja ghajr habs effettiv specjalment ghall-kaz in ezami li ma kienx kaz ta' entita` kbira.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[4].

L-ewwel Qorti, ghall-finijiet ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, iccitat l-artikoli 276 u 277(a) tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 276 jipprovdi ghal piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin filwaqt illi l-artikolu 277(a) jipprovdi illi fejn is-serq ikkwalifikat bil-vjolenza jkun akkumpanjat b'wahda jew izjed mill-kwalifiki msemmija fl-artikolu 261, il-piena ma tinghatax fil-*minimum*. F'dan il-kaz fil-fatt hemm ukoll il-kwalifika tal-valur. Barra minn hekk l-appellant instab hati li hu recidiv.

Imbaghad minn ezami tal-fedina penali aggornata ta' l-appellant jirrizulta, almenu *prima facie*, li diga` bbenefika minn zewg *probation orders*, *conditional discharge*, sentenza sospiza ta' prigunerija, gie kkundannat ghall-hlas ta' multa f'erba' kazijiet u kkundannat darbtejn ghal prigunerija effettiva. Dan kollu ghal reati diversi minn pussess mhux awtorizzat tad-droga eroina u tar-raza tal-cannabis, ksur tal-ligijiet tat-traffiku u sensiela shiha ta' serqiet.

---

[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Konsegwentement din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddistruba l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------